# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 12 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 925/2021 JVC**

**L-Avukat Dr Thomas Bugeja nomine (ID 0562490M) bhala mandatarju specjali ta' Jaspur Kaur (Nru tal-passaport tar-Renju Unit 124486722)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti l-Avukat Dr Thomas Bugeja bhala mandatarju specjali ta' Jaspal Kaur ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Din l-azzjoni qieghda tigi pprezzentata abbazi tal-Artiklu 253 et seq tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi ir-rikorrent, Jaspal Kaur kienet imwielda fl-4 ta' Gunju 1981, f'Manchester, fir-Renju Unit, u giet mghotija l-isem "Jaspal Kaur Singh";

3. Illi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent, originarjament registrat f'Manchester, fir-Renju Unit fis 26 ta' Gunju 1981, bin-nru. BBY 699856 (hawn anness u mmarkat bhala Dok A), ir-rikorrent giet mghotija l-isem "Jaspal Kaur Singh";

4. Illi ir-rikorrent, tippratika ir-religjon Sikh, u ghaldaqstant isegwi -prassi komuni li tadotta il-kunjom "Kaur".

5. Illi din il-prassi torigina sa mill-bidu tar-religjon Sikh u din issir biex telimina it-timbru tas-sistema tal-caste u kull tip ta' differenza identifikabbli bejn individwi li gejjin minn passat differenti. Illi l-użu tal-kunjom "Kaur", ghall-kuntrarju tal-użu tal-isem tal-familja, ghandu l-ghan jippromovi in-nisa bhala individwi li ghandhom valuri u identitajiet li jeżistu b'mod indipendenti mir-relazzjoni taghhom mal-irgiel jew ma' żewghom.

6. Illi permezz tad-'Deed Poll' datat 6 ta' Mejju 2021(kopja annessa u mmarkata bhala Dok B) ir-rikorrent, dak iż-żmien imsemmija "Jaspal Kaur Singh" bidlet l-isem mghoti liha fit-twelid, ghall-isem prezenti taghha, li hi ukoll użat ghall-maggoranza ta' hajitha, li huwa "Jaspal Kaur". Dan id-'Deed Poll' kien

sussegwentament rregistrat fid-29 ta' Gunju 2021, l-Ufficju Centrali tal-Qrati Gholja tal-Gudikatura tal-Ingilterra u Wales (High Courts of Judicature of England and Wales).

7. Illi minn qabel sehhet il-bidla fl-isem tar-rikorrent ghall-isem "Jaspal Kaur" permezz tad-Deed Poll, ir-rikorrent Jaspal Kaur, kienet diga qieghda tuża dan l-isem (i.e. 'Jaspal Kaur') fil-hajja ta' kuljum, kif jixhed kjarament il-passaport tar-rikorrent tar-Renju Unit (kopja annessa u mmarkata bhala Dok C);

8. Illi a skans ta' kull ekwivoku, -isem il-gdid taghha, kif registrat permezz tad-'Deed Poll' huwa "Jaspal" bhala "l-isem", u "Kaur" bhala "il-kunjom". Dan huwa evidenti mill-Passaport tar-Renju Unit tar-rikorrent anness u mmarkat u bhala Doc D.

9. Illi l-attrici tixtieq illi din il-bidla f'isimha tigi rikonoxxuta gewwa Malta, dan sabiex ic-certifiakat tat-twelid taghha, jigi registrat mar-Registru Pubbliku, u sussegwentament il-passaport Malti taghha jigi mahrug bl-isem u l-kunjom kurrenti taghha, kif emendati permezz tad-'Deed Poll', liema isem u kunjom gew rikonnuxxuti legalment mill-Awtoritajiet fir-Renju Unit.

10. Ghall-kuntrarju tal-ligi Ingliza, l-awtoritajiet Maltin ma jirrikonoxxux awtomatikament il-bidla fl-isem u l-kunjom ta' persuna permezz ta' 'Deed Poll' u huwa ghalhekk illi din l-Onorabbli Qorti ghandha l-awtorità u s-setgha illi taghmel dan. Illi dan sar diversi drabi, u hija issa prassi stabbilita' tal-Onorabbli Qorti ta' Malta illi tirrikonixxi Deed Polls mir-Renju Unit permezz ta' liema cittadini brittanici validement u legalment ibidlu isimom.

11. Illi ghar-ragunijiet imsemmija, dan ir-rikors qieghed jigi sottomess lil dina l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, previa kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna illi din l-Qorti jidrilha li huma xierqa joghgobha;

1. Tiddikjara u tirrikonoxxi illi Mrs. Jaspal Kaur, validament bidlet -isem u kunjom taghha mill-isem precedenti taghha "Jaspal Kaur Singh" ghal "Jaspal Kaur" permezz ta' 'Deed Poll' datat 6 ta' Mejju 2021, ai termini ta' Artikolu 253 et seq tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna illi ir-rikorrent ghandha tigi rikonoxuta f'Malta bl-isem "Jaspal Kaur".

3. Tordna illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta sabiex jirrifletti dan it-tibdil fid-dokumenti, fil-poter tieghu u cioe' ic-Certifikat tat-Twelid bin-numru progressiv 1181 datat 11 ta' Marzu 2022;

Bl-ispejjez kontra d-Direttur konvenut li qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, l-esponent jeccepixxi illi l-azzjoni kif proposta mir-rikorrenti hija wahda intempestiva stante illi mit-talbiet taghha jirrizulta illi hija mhix cittadina Maltija u l-esponent fir-Registru Pubbliku jirregistra biss atti rigwardanti cittadini Maltin. In effetti, filwaqt illi r-rikorrenti titlob illi din l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirrikonoxxi t-tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti, liema tibdil sar permezz ta' deed

poll fl-Ingilterra, u jirrifletti l-istess tibdil sabiex tkun tista' tigi milqugha applikazzjoni tar-rikorrenti ghac-cittadinanza Maltija, fil-prattika, id-Direttur intimat m' ghandu x' jaqsam xejn mal-konferma jew -ghoti tac-cittadinanza Maltija, liema mansjonijiet jaqghu fil-kompetenza tal-Agenzija Komunità Malta. Qabel l-Agenzija Komunità Malta tikkonferma li r-rikorrenti hija cittadina Maltija, l-esponent ma jista' jirregistra ebda att tal-istat civili esteru li jikkoncerna lir-rikorrenti fir-Registru Pubbliku;

2. Illi in vena preliminari wkoll, tenut kont tat-talbiet attrici kif dedotti mir-rikors promotur, l-esponent jissottometti illi huwa mhux il-legittimu kontraditur stante illi m'ghandux is-setgha li jipprocessa l-applikazjonijiet ghac-cittadinanza Maltija, u stante illi lanqas huwa mehtieg l-involviment tieghu sabiex Komunità Malta tkun tista' tipprocessa l-applikazzjoni tar-rikorrenti ghac-cittadinanza Maltija. Ghall-kuntrarju, qabel l-Agenzija Komunità Malta tikkonferma illi r-rikorrenti hija cittadina Maltija u tohrog ic-certifikat relattiv li jikkonferma dan, l-esponent ma jista' jirregistra ebda att tal-istat civili esteru rigwardanti r-rikorrenti fir-Registru Pubbiku;

3. Illi in oltre, ir-rikorrenti f'dan l-istadju lanqas tista' ssejjes l-azzjoni taghha fuq l-artikolu 257(1)(b) tal-Kodici Civili, li jghid illi l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili ghandu jkollha s-Setgha illi tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fuq l-Att tat-Twelid ta' persuna u fuq kull att iehor tal-istat civili li fih jidhru l-isem u l-kunjom tal-imsemmija persuna sabiex imsemmi tibdil fl-isem u/jew fil-kunjom ikun maghruf qabel issir ir-registrazzjoni tal-Att relattiv, stante illi r-registrazzjoni fir-Registru Pubbliku, sabiex tkun possibbli, tehtieg il-konferma tac-citadinanza Maltija, liema konferma f'dan l-istadju jidher illi ghadha mhix disponibbli. Fi kwalunkwe każ, l-artikolu 257(1)(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta'

Malta jitkellem dwar rikors quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili, u ghalhekk isegwi illi din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex il-kompetenza illi tiddetermmina t-talbiet attrici kif dedotti mir-rikors promotur;

4. Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

5. Illi mir-rikors promotur jidher illi skont l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti mahrug mir-Renju Unit, hija twieldet bhala Jaspal Kaur Singh, iżda permezz ta' deed poll datat 06 ta' Mejju 2021, hija bidlet isimha ghal Jaspal Kaur. Tali bidla jidher illi hija riflessa fil-passaporti Britannici tar-rikorrenti, kemm fil-kopja tal-passaport li llum huwa skadut kif ukoll fil-kopja tal-passaport li nhareg f'April 2021 u li huwa validu s'April 2031;

6. Illi fir-rigward tad-deed polls jew change of name deeds, ghalkemm dawn m'humiex regolati mil-ligi nostrana, ghandu jigi sottolineat illi l-Qrati taghna ddecidew illi sabiex deed poll change of name deed ikun jista' jigi rikonoxxut f'pajjiz esteru, ghandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-deed pollchange of name deed ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tieghu skont il-ligi tal-pajjiż koncernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' registrazzjoni;

7. Illi l-esponent ma jistax jiehu in konsiderazzjoni d-deed poll in kwistjoni sakemm l-istess deed poll ma jigix rikonoxxut minn din l-Onorabbli Qorti, stante illi sabiex jirregistra atti tal-istat civili esteri fir-Registru Pubbliku, huwa obbligat li jsegwi l-procedura kif ikkontemplata fl-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi l-esponent jinnota illi r-rikorrenti, inter alia, esebiet mar-rikors promotur kopja tad-deed poll in kwistjoni u dan bl-intiża li ssostni t-talbiet kif dedotti minnha. Fid-dawl ta' dan, l-esponent filwaqt illi jerga' jaghmel referenza ghall-eccezzjonijiet preliminari tieghu, jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi migjuba jkunu fl-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

9. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, l-esponent umilment jissottometti illi huwa m' ghandux il-kompetenza illi jipprocessa l-applikazzjonijiet ghac-cittadinanza Maltija, u li lanqas huwa mehtieg l-intervent tieghu sabiex tali applikazzjonijiet jigu pprocessati. A skans ta' ekwivoci, qed jigi ribadit illi hija c-cittadinanza li tipprecedi r-registrazzjoni tal-atti tal-istat civili esteri fir-Registru Pubbliku, u mhux vice-versa;

10. Illi finalment, u dan minghajr hsara ghall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas da parti tal-esponent u ghalhekk id-Direttur intimat m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur, li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.'.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni esebita a fol. 39 tal-process;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat fosthom id-'Deed Poll' a fol. 6 et seq tal-process li jikkonferma li r-rikorrenti bidlet isimha ghal Jaspal Kaur;

Rat ukoll l-affidavit ta' Dottoressa Rebecca Diacono li kkonfermat il-fatti kif esposti fir-rikors guramentat;

Rat illi l-eccezzjonijiet preliminari tad-Direttur tar-Registru Pubbliku gew sorvolati peress illi r-rikorrenti rregistrat l-Att tat-Twelid taghha mad-Direttur intimat u gie pprezentat kopja tal-istess certifikat.

Illi in vista tad-dokumentazzjoni kollha esebita l-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti hija gjustifikata u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess decizjoni.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad ir-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija inkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tirrikonoxxi illi Jaspal Kaur, validament bidlet l-isem u kunjom taghha mill-isem precedenti taghha "Jaspal Kaur Singh" ghal "Jaspal Kaur" permezz ta' 'Deed Poll' datat 6 ta' Mejju 2021, ai termini ta' Artikolu 253 et seq tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi ir-rikorrent ghandha tigi rikonoxuta f'Malta bl-isem ta' "Jaspal Kaur".

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta sabiex jirrifletti dan it-tibdil fid-

dokument u cioe′ ic-Certifikat tat-Twelid bin-numru progressiv 1181 tas-sena 2022 u f′kull dokument iehor fil-poter tieghu.

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b′kopja tas-sentenza ta′ din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta′ Mejju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta′ Mejju 2022**